MALTA

ATT Nru. XXI ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki.

ACT No. XXI of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Excise Duty (Crown Corks and Non-alcoholic Concentrates) Ordinance, 1961.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

30 ta' Mejju, 1986

ATT Nru. XXI ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq 'Crown Corks' u Konċentrati Mhux-alkoholiki.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Ordinanza dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Ord. XXI ta' 1961.

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "fabbrika", minflok il-kliem "fl-applikazzjoni tagħha għal *crown corks* u kapsuli, kull fond li fih jiġu fabbrikati *crown corks* jew kapsuli jew fejn ikunu miżmuma *stocks* ta' *crown corks*, kapsuli jew materjal għall-fabbrikazzjoni tagħhom minn fabbrikant ta' *crown corks* jew kapsuli" għandhom jidħlu l-kliem "fl-applikazzjoni tagħha għal *crown corks*, kapsuli u *pilferproof caps* plastiċi, kull fond li fih jiġu fabbrikati *crown corks*, kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi jew fejn ikunu miżmuma *stocks* ta' *crown corks*, kapsuli, *pilferproof caps* plastiċi jew materjal għall-fabbrikazzjoni tagħhom minn fabbrikant ta' *crown corks*, kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi"; u

(b) fit-tifsira ta' "bejgħ" minflok il-kliem "kull kapsuli" għandhom jidħlu l-kliem "kull kapsuli, kull *pilferproof caps* plastiċi,".

Emenda ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid:

"(3) Għandu jintalab u jinġabar mill-Kontrullur f'isem il-Gvern dazju tas-sisa bir-rata ta' żewġ liri Maltin u sittax-il ċenteżmu dwar

kull grossa ta' *pilferproof caps* plastiċi fabbrikati f'Malta u approvati taħt din l-Ordinanza għas-siġillar ta' fliexken li jkun fihom ilma ġej minn spa.".

Emenda ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "mill-fabbrikant tal-*crown corks*" għandhom jidħlu l-kliem "mill-fabbrikant tal-*crown corks* jew tal-*pilferproof caps* plastiċi", u minflok il-kliem "ebda *crown corks*" għandhom jidħlu l-kliem "ebda *crown corks* jew *pilferproof caps* plastiċi,"; u minflok il-kliem "dawk il-*crown corks*", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "dawk il-*crown corks* jew *pilferproof caps* plastiċi"; u

(b) fis-subartikoli (2) u (3) tiegħu minflok il-kliem "*crown corks*" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "*crown corks* jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 5 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fil-fabbrika fejn ikun fabbrikat jew fejn ikun użat fil-bottiljar ta' xorb mhux-alkoholiku" għandhom jidħlu l-kliem "f'post li jkun approvat mill-Kontrullur u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Kontrullur jista' jimponi".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

6. Fl-artikolu 7 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "*crown corks*" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "*crown corks* jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali.

7. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) ma jkunux ta' volum iżjed minn litru u nofs meta jkun fihom ilma ġej minn spa u ma jkunux ta' volum iżjed minn sitta u tletin ċentilitru meta jkun fihom xi xorb ieħor mhux-alkoholiku; u";

(b) fis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tiegħu minflok il-kliem "jkun tħallas." għandhom jidħlu l-kliem "jkun tħallas; u";

(ċ) minnufih wara s-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) li jkollu fuqu t-*trade mark* reġistrat, jew l-isem u l-indirizz tal-produttur tax-xorb mhux-alkoholiku, jew kemm dik it-*trade mark* reġistrata kif ukoll l-isem u l-indirizz; jew"; u

(d) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid:

"(d) jkun fihom ilma ġej minn spa u li jkunu ssiġillati b'*pilferproof caps* plastiċi minflok bi *crown corks* sakemm:

(i) dawn il-*pilferproof caps* plastiċi jkunu, fuq talba bil-miktub tal-produttur, approvati għal dan il-għan mill-Kontrullur, u jkunu skond dawk il-kundizzjonijiet li l-Kontrullur jista' jimponi; u

(ii) tkun inħarġet liċenza taħt din l-Ordinanza għall-fabbrikazzjoni ta' dawn il-*pilferproof caps* plastiċi u d-dazju tas-sisa li għandu jinġabar taħt l-artikolu 3 dwaru jkun tħallas jew ġie assigurat skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; jew id-dazju ta' importazzjoni li kellu jinġabar taħt l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni dwar dawn il-*pilferproof caps* plastiċi jkun tħallas; u

(iii) dawn il-*pilferproof caps* plastiċi jkunu ta' dak it-tip, kulur u mudell u jkollhom stampat jew *embossed* fuqhom dawk il-kliem jew figuri li l-Kontrullur ikun jeħtieġ; u

(iv) dawn il-*pilferproof caps* plastiċi jkunu ta' għamla li jinkisru meta l-fliexken jinfetħu għall-ewwel darba u wara dawn ma jibqgħux iktar tajbin biex jissiġillaw fliexken oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 14 tal-liġi prinċipali.

8. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 tal-liġi prinċipali minnufih wara l-kelma "kapsuli" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

9. Fl-artikolu 16 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "kapsuli", kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

10. Fl-artikolu 18 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "*crown corks* jew kapsuli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "*crown corks*, kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 19 tal-liġi prinċipali.

11. Fl-artikolu 19 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew kapsuli" u "jew f'kapsuli," u "jew kull kapsuli" għandhom jiżdiedu l-kliem rispettivament "jew *pilferproof caps* plastiċi" u "jew f'*pilferproof caps* plastiċi," u "jew kull *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 28 tal-liġi prinċipali.

12. Fl-artikolu 28 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew kapsuli" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew *pilferproof caps* plastiċi".

Emenda ta' l-artikolu 34 tal-liġi prinċipali

13. L-artikolu 34 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu minnufih wara l-kelma "kapsuli," għandhom jiżdiedu l-kliem "*pilferproof caps* plastiċi,"; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu minflok il-kliem "*crown corks* jew kapsuli" għandhom jidħlu l-kliem "*crown corks*, kapsuli jew *pilferprof caps* plastiċi".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

14. Fil-paragrafu 1 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "fabbrikazzjoni ta' *crown corks* jew kapsuli" għandhom jidħlu l-kliem "fabbrikazzjoni ta' *crown corks*, kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi"; u fis-sub-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "fabbrikant

ta' *crown corks* jew kapsuli" għandhom jidħlu l-kliem "fabbrikant ta' *crown corks*, kapsuli jew *pilferproof caps* plastiċi".

Dispożizzjoni transitorja.

15. Id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali għandu jidħol fis-seħħ f'dak il-jum li jista' jiġi hekk iffissat mill-Ministru responsabbli għad-dwana b'avviż fil-Gazzetta.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 346 tas-26 ta' Mejju, 1986.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati